*ĦARĠA NUMRU 2 – MEJJU 1987*

UNIVERSITY OF MALTA MELITENSIA MAIN LIBRARY

# Perspettivi

**Ġabra ta' tagħrif dwar il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema u relazzjonijiet industrijali lokali u internazzjonali**

KONTENUT


| | |
|---|---|
| Editorjal | 1 |
| Il-WPDC iressaq proposti lill-partiti politiċi | 2 |
| Ħatriet Ewlenin fit-Trejd Unjons | 5 |
| Parteċipazzjoni, Qgħad u Tnaqqis fil-Ħin tax-Xogħol | 6 |
| Konfront | 10 |
| Elezzjoni tas-Seba' Kunsill tat-Tarzna | 12 |
| Direttur-Ħaddiem Ġdid fil-Bank of Valletta | 13 |
| Sħubija fit-Trejd Unjons | 14 |
| Il-Parteċipazzjoni fil-Kampanja Elettorali | 16 |
| L-Edukazzjoni tal-Ħaddiema — Fejn Sejrin | 18 |
| Frott L-Istudju | 20 |
| Attivitajiet tal-WPDC | 24 |
| Kalendarju Industrijali | 26 |
| Developments Elsewhere | 34 |


WPDC workers-participation-development-centre

MAĦRUĠ MIĊ-ĊENTRU GĦALL-IŻVILUPP
TAL-PARTEĊIPAZZJONI TAL-ĦADDIEMA
— UNIVERSITÀ TA' MALTA —

# Bank of Valletta Limited, Malta

## FOREIGN CURRENCY SAVINGS ACCOUNTS

★ Savings accounts in foreign currencies
★ Freely transferable
★ Interest rates fixed weekly on London rates
★ Interest paid quarterly

If you have foreign investments or funds eligible for investment abroad including foreign interests and dividends, call at any branch of the Bank of Valletta.

Your money is always at call, and easy to get at.

Please write to me in:
★ English ☐
★ Maltese ☐
★ I am already a Bank customer ☐

Please send me further information about FOREIGN CURRENCY SAVINGS ACCOUNTS
to : Bank of Valletta
Foreign Currency
Accounts Section
86 South Street, Valletta

Name ______________________

Address ______________________

______________________

The more you save the higher the interest

For further information telephone
Foreign Currency Accounts Section
86 South Street, Valletta, on 623261, 624274

Perspettivi

# WORKERS' PARTICIPATION DEVELOPMENT CENTRE NEWSLETTER

*Editorjal:*

## NGHOLLU L-PERSPETTIVI TAGHNA

Il-partecipazzjoni fuq il-post tax-xoghol hija marbuta mill-qrib mal-partecipazzjoni fl-oqsma ohra tas-socjeta. Anzi wiehed jista' jaraha bhala parti mill-process ta' zvilupp demokratiku li jgholli l-haddiem u shabu minn bicca ghodda ghal livell ta' cittadini umani, kulhadd indaqs: xejn izjed u xejn inqas minn haddiehor.

Il-jedd tal-partecipazzjoni huwa marbut mad-dmir li nirrispettaw il-jeddijiet ta' haddiehor. Bhal ma kien jghallem Voltaire: ghalkemm nista' ma naqbel f'xejn ma' xi hadd - lest naghti hajti biex haddiehor ikollu l-jedd ma jaqbilx mieghi!

F'Malta ghadna kif ghaddejna lkoll mill-oghla process demokratiku - l-elezzjonijiet generali. Issa li thabbar ir-rizultat ilkoll kemm ahna ghandna d-dmir li nbaxxu rasna ghar-rieda tal-maggoranza. Hekk titlob id-demokrazija -xejn izjed u xejn anqas. Fl-istess hin, il-maggoranza ghandha wkoll id-dmir li thares u tirrispetta d-dritt tal-minoranza li ssemma lehinha. Hekk biss nistghu nimxu 'l-quddiem - jekk naghrfu illi z-zmien tal-konfront spicca u kemm jekk naqblu jew ma naqblux bejnietna - xorta rridu nghixu u nahdmu flimkien.

L-istess jigri fil-post tax-xoghol. Id-demokrazija ndustrijali - jew il-partecipazzjoni - tenhtieg vizjoni 'l fuq mill-interess u piki personali jew partigjani. L-esperjenza tghallimna illi 'l-partecipazzjoni kemm fuq il-post tax-xoghol kif ukoll fis-socjeta' ma teliminax il-konflitti ghal kollox. Dawn huma minn awl id-dinja. Imma l-partecipazzjoni hajja hi bbazata fuq sisien ta' qbil dwar il-mod kif il-konflitti jista' jinstab tarfhom. Hemm bzonn, mela, li kulhadd jaqbel dwar x'inhuma r-regoli li nintrabtu li nimxu fuqhom. Fuq kollox jenhtieg qbil dwar l-ghanijiet tax-xoghol taghna u dwar it-tqassim tal-gid li noholqu. Biex dan isir jenhtieg li nintrefghu ukoll mill-problemi taghna ta' kull jum u mit-tradizzjoni kulturali taghna li ma tantx tippreparana ghall-partecipazzjoni. Per ezempju sakemm nibqghu nahsbuha illi **ghal kull ghadma hawn mitt kelb** u **minghajr qaddisin ma titlax il-genna** ftit ghandna cans navanzaw fit-triq tal-partecipazzjoni genwina. Biex dan jitwettaq jenhtiegilna li nghollu l-perspettivi taghna u nharsu aktar fil-boghod lejn it-tip ta' **Socjeta kif nixtiequha.** Illum tista' tghid li kulhadd jaqbel bil-fomm mal-partecipazzjoni - li jonqos hu li ssir realta'.

Fl-ahhar mill-ahhar dan minna jiddependi.

# IL-WPDC IRESSAQ PROPOSTI LILL-PARTITI POLITICI

*Dan huwa t-test ta' memorandum li ntbaght mic-Centru lill-MLP, PDM, PKM u PN f'Jannar 1987 sabiex jigi kkunsidrat fit-tfassil tal-manifesti elettorali rispettivi taghhom.*

Il-principju tal-partecipazzjoni tal-haddiema fuq il-post tax-xoghol illum huwa mhaddan mill-partiti politici u l-organizzazzjonijiet ewlenin Maltin. Il-partecipazzjoni hija meqjusa bhala strategija ta' zvilupp li tista' twassal ghat-tkattir ta' socjeta aktar demokratika, li hi mibnija b'mod fundamentali fuq id-dinjita tal-bniedem u d-dritt u d-dmir tieghu lejn sehem akbar fuq il-post tax-xoghol u fis-socjeta. Ghal dan il-ghan, twaqqaf ic-Centru ghall-Izvilupp tal-Partecipazzjoni tal-Haddiema ta' l-Universita' ta' Malta li issa ilu numru ta' snin jahdem permezz ta' ricerka u ta' edukazzjoni f'dan il-qasam.

Bil-ghan li tkompli l-mixja lejn socjeta demokratika msejsa fuq il-partecipazzjoni shiha, ic-Centru qieghed iressaq dawn il-proposti:

## I. Firxa tal-Partecipazzjoni tal-Haddiema

Tinhtieg strategija 'long term' lejn firxa akbar tal-partecipazzjoni tal-haddiema fl-intraprizi jew dipartimenti fejn jahdmu, fis-settur privat, pubbliku u parastatali billi l-haddiema pass pass jinghataw:

1. access, permezz tar-rapprezentanti taghhom, ghal certa nformazzjoni li ghandha x'taqsam ma' l-intrapriza fejn jahdmu, fl-ispirtu tal-Vreideling Proposal li tressqet quddiem il-Kummissjoni Ewropeja.

2. partecipazzjoni konsultattiva fuq il-post tax-xoghol, fl-ghamla ta' Quality Circles

3. rapprezentanza fuq il-bordijiet ta' tmexxija permezz ta' haddiema diretturi eletti minnhom.

4. l-opportunita' li jahdmu bhala gruppi awtonomi (autonomous work groups) fuq bazi sperimentali f'dawk id-dipartimenti tal-Gvern fejn diga jezistu gruppi ta' haddiema li mdorrijin jahdmu flimkien (occupational communities) bhal fid-dipartimenti tas-Sahha, Agrikoltura, Ambjent, Edukazzjoni u Xoghlijiet Pubblici. Dawn il-gruppi awtonomi jkollhom certu ammont specifikat ta' decizjonijiet fdati f'idejhom u fl-istess waqt jiehdu certu ammont ta' responsabbilta'.

5. Ic-Centru ghall-Izvilupp tal-Partecipazzjoni tal-Haddiema jista' jkompli jizviluppa billi jidhol f'kapacita' edukattiva, konsultattiva u ta' ricerka fejn jitwettqu l-izviluppi msemmija.

## II. Partecipazzjoni Civika

Hu ta' sodisfazzjon li saru xi zviluppi fil-partecipazzjoni tal-haddiem fuq il-post tax-xoghol f'dawn l-ahhar snin. Biex dan il-process tal-partecipazzjoni fuq il-post tax-xoghol ma jkunx izolat, anzi sabiex isib appogg f'oqsma ohra tal-hajja bl-iskop li titrawwem kultura partecipattiva, hemm bzonn ta' xi forma ta' partecipazzjoni civika fuq livell ta' belt jew rahal. Ghalhekk hemm bzonn li, fuq bazi 'long term', jigi kkunsidrat it-twaqqif ta' kumitati ta' cittadini eletti lokalment li jkunu risponsabbli ghall-harsien u zvilupp ta' xi htigijiet lokali. Fl-istess waqt, isir tahrig edukattiv tac-cittadin sabiex dan ikun jaf ahjar jidhol ghal dawn ir-responsabilitajiet godda. Ic-Centru ghall-Izvilupp tal-Partecipazzjoni tal-Haddiema jkompli joffri s-servizzi tieghu biex jipprovdi tahrig sistematiku wkoll f'dan il-qasam.

## III. Zvilupp tal-Koperattivi

Hemm bzonn li jissahhah l-izvilupp ta' koperattivi li jezistu u li jitwaqqfu koperattivi godda li fihom l-ishma jkunu tal-haddiema stess (worker jew producer cooperatives) fil-kuntest ta' tishih u holqien ta' mpiegi produttivi u ta' zvilupp ta' ndustriji zghar, li jistghu jghinu biex jipprovdu servizzi u jipproducu oggetti li s'issa ghadhom jigu mpurtati. Jehtieg li l-poplu in generali jsir aktar konxju permezz ta' l-edukazzjoni tal-potenzjal tal-Koperattivi f'dan il-qasam.

## IV. Edukazzjoni tal-Haddiema

Ta' min jinnota b'sodisfazzjon li numru ta' haddiema qeghdin jinghataw 'paid leave' minn fuq ix-xoghol taghhom biex ikomplu l-edukazzjoni taghhom. Xi drabi d-dritt ghal dan il-leave ikun imdahhal bhala klawsola fil-ftehim kollettiv. Izda, xorta wahda jibqa' l-fatt li numru ta' haddiema ohra qeghdin isibu tfixkil serju biex ikomplu l-edukazzjoni taghhom. L-edukazzjoni hija marbuta mill-qrib ma' l-izvilupp tal-partecipazzjoni, mhux biss biex il-bniedem jiftah ghajnejh u jintebah bid-drittijiet tieghu, izda wkoll biex jitharreg fis-sengha tat-tmexxija u ta' responsabbilta' li jkun diehel ghaliha. Ghalhekk hemm bzonn tigi kkunsidrata legislazzjoni li permezz taghha, l-haddiema kollha jkunu jistghu japplikaw ghal numru ta' sieghat ta' paid educational leave fis-sena, fl-ispirtu tal-Konvenzjoni Numru 140 (1974) ta' l-Ghaqda Nternazzjonali tax-Xoghol (ILO).

## V. Edukazzjoni ghall-Hajja

It-twettiq tal-partecipazzjoni shiha fuq il-post tax-xoghol u fis-socjeta hu marbut hafna mas-sistema edukattiva li jkun hemm fil-pajjiz. Il-partecipazzjoni tac-cittadin fil-hajja u l-bini tal-valuri umani tieghu jitolbu edukazzjoni tal-persuna totali u mhux biss tahrig intelletwali jew ta' sengha. Jinhtiegu ghalhekk xi tibdiliet u aggornamenti fl-edukazzjoni primarja, sekondarja, terzjarja, kif ukoll fil-qasam ta' l-edukazzjoni ghall-hajja (Lifelong education). Dan isir fl-ispirtu u l-qafas ta' rakkomandazzjoni

mill-UNESCO dwar "Education for International Understanding, Cooperation and Peace and Education relating to Human Rights and Fundamental Freedoms" ta' l-1974.

Ghalhekk qeghdin naghmlu dawn is-suggerimenti:

1. **Skejjel**

Jigi rrivedut il-kurrikulum tal-iskejjel bi skop li jinghata iktar emfazi fuq l-ewwel ghan ta' l-edukazzjoni - jigifieri l-izvilupp uman u l-mentalita u r-responsabbiltajiet socjali ta' l-istudent, u mhux biss fuq il-kapacitajiet akademici tieghu. Is-sillabu ta' l-Istudji Socjali - ppublikat mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni 1986 - hu pass tajjeb f'dan il-qasam.

2. **Universita'**

(a) Ikun hemm iktar stharrig u taghlim interdixxiplinarju u liaison akbar bejn il-fakultajiet kollha.

(b) Ikun hemm djalogu u liaison akbar bejn l-Universita' u s-socjeta generali.

3. **Edukazzjoni Kontinwa**

(a) Ikun hemm opportunitajiet akbar ghal taghlim u tahrig ta' kull tip (incluz on the job training u re-training), kemm fuq, kif ukoll barra, l-post tax-xoghol.

(b) Ikun hemm opportunitajiet akbar ta' taghlim u tahrig anki ghal nisa tad-dar, u dan ikun akkumpanjat minn servizz ta' creche biex jaghmel il-partecipazzjoni ta' dawn in-nisa aktar possibli.

---

**NIFIRHULHOM !**

*21 partecipant temmew b'success kors ta' tliet snin li wassalhom ghal Diploma fil-Labour Studies. Il-kors kien organizzat mill-**WPDC**, flimkien mal-Fakulta tal-Management Studies. Nifirhu u nawguraw lil partecipanti:*

Abela Eucharistico
Attard Bezzina Lawrence
Borg George
Borg Joseph
Busuttil John
Cacciottolo Anthony
Camilleri Alfred
Camilleri Joseph
Debono Emanuel
Duca Mario
Fenech John Albert
Grech Egidio
Inguanez John
Mansueto John
Pace Raymond
Pearsall James
Scicluna Emmanuel
Spiteri Francis
Vella Alfred
Vella Raphael
Zahra Carmel

## HATRIET EWLENIN FIT-TREJD UNJONS

- Wara numru ta' hatriet, l-amministrazzjoni centrali tal-General Workers' Union tinsab hekk:

| | |
|---|---|
| Lawrence Lautier | - President |
| Edmond Mallia | - Vici-President |
| Anglu Fenech | - Segretarju Generali |
| Harold Walls | - Deputat Segretarju Generali |
| Jack Calamatta | - Deputat Segretarju Generali |

Sadanittant, l-ex-Segretarji Generali Gorg Agius u Carmel S. Consiglio, gew mahtura Ambaxxaturi Maltin ghan-Nazzjonijiet Maghquda u ghall-Unjoni Sovjetika rispettivament.

- Fil-Unjon Haddiema Maghqudin, Alfred J. Chetcuti gie mahtur Deputat Segretarju Generali.

- Fil-Konfederazzjoni tat-Trejd Unjons (CMTU), Kenneth Abela gie mahtur Segretarju Generali.



## PARTECIPAZZJONI, QGHAD U TNAQQIS FIL-HIN TAX-XOGHOL

Bejn is-snin ta' wara t-tieni gwerra dinjija u l-bidu tas-snin sebghin, l-ekonomija tal-pajjizi ta' l-Ewropa tal-Punent kienet wahda soda u b'sahhitha, bil- produzzjoni tizdied regolari minn sena ghal sena. Sehh l-hekk imsejjah miraklu ekonomiku. Ma kienx hawn nuqqas ta' xoghol, tant li mhux talli l-qghad f'dawn il-pajjizi kien baxx hafna - medja ta' 2-3% - izda bosta pajjizi hajjru haddiema barranin - Spanjoli, Marokkini, Torok, Jugoslavi - biex jemigraw u jmorru jahdmu f'pajjizhom. Minhabba s-sitwazzjoni ta' kwazi **full employment**, it-trejd unjons mhux biss zdiedu fi l-ghadd ta' membri taghhom izda kellhom sahha akbar fil-process tan-negozjar. Ghaldaqsant, setghu jpoggu certu pressjoni mhux biss ghal titjib fil-pagi tal-haddiema u tal-kundizzjonijiet tax-xoghol izda wkoll ghat-tkattir ta' sistemi li permezz taghhom il-haddiema jkunu jistghu jippartecipaw aktar fid-decizjonijiet li jittiehdu fl-intrapriza fejn jahdmu.

Fil-Germanja tal-Punent din hadet il-forma ta' **co-determination** - rapprezentanza ndaqs bejn rapprezentanti ta' haddiema u rapprezentanti tal-management, imharsa bil-ligi - fl-industriji tal-faham u l-azzar. Fl-Izvezja u fid-Danimarka sa waslu biex il-unjons talbu d-dritt li jkollhom **wage earner funds** f'industriji privati - forom ta' ishma li jitqiesu skond il-livell ta' profitabilita' ta' kull intrapriza.

F'pajjizi ohra twaqqfu kunsilli b'funzjonijiet konsultattivi u kultant anki bi dritt ta' veto fuq certu kwistjonijiet fuq livell ta' intrapriza - **works councils** - kif ukoll twaqqfet bi dritt f'bosta ntraprizi, privati kif ukoll pubblici, rapprezentanza f'minoranza tal-haddiema jew tal-unjon taghhom fuq bord ta' diretturi - il-haddiem direttur.

Dak iz-zmien issa donnu spicca: Wara perijodu ta' nflazzjoni qawwija fis-snin sebghin, is-sahha tal-ghaqdiet tal-haddiema therriet minhabba zieda kbira fil-livell tal-qghad li lahaq 17 il-miljun fil-pajjizi tas-Suq Komuni biss. Dan b'hekk mewwet ghal kollox il-mixja lejn partecipazzjoni akbar mill-haddiema fit-tmexxija. Mhux talli hekk, talli l-pjaga tal-qghad wasslet biex it-trejd unjons bdew jikkoncentraw aktar dwar kif joholqu l-impiegi jew isalvaw dawk l-impiegi li diga jezistu. L-emfazi ma baqax daqstant fuq il-partecipazzjoni fit-tehid tad-decizjonijiet fuq il-post tax-xoghol. Il-hidma trejd unjonistika kkoncentrat l-aktar fuq il-qasam ta' l-impiegi, il-partecipazzjoni tal-haddiem fix-xoghol innifsu.

Aktarx li din is-sitwazzjoni ta' qghad ser tibqa' ghal bosta snin. Anki jekk in-numru ta' impiegi fl-Ewropa jizdied, dawn iridu jlahhquha ma' zieda mistennija fin-numru ta' nies li qed ifittxu xoghol, kemm minhabba zieda fil-popolazzjoni ta' dawk fl-eta li jahdmu kif ukoll minhabba persentagg dejjem jizdied ta' nisa li qeghdin ifittxu mpieg bi hlas.

B'mod semplici, nistghu nghidu li l-qghad huwa d-differenza bejn in-numru ta' mpiegi u n-numru ta' nies li jixtiequ u li qeghdin jahdmu. Allura nistghu naghmlu distinzjoni bejn zewg kwalitajiet ta' mizuri biex jitnaqqas il-qghad: Dawk li jzidu n-numru ta' mpiegi u dawk li jnaqqsu n-numru ta' dawk li qeghdin jahdmu. Bosta drabi, nsibu li z-zewg kwalitajiet ta' mizuri jiffurmaw parti mill-politika ta' min imexxi.

Apparti dawn il-mizuri, li jittiehdu minn Gvernijiet u mexxejja politici, nsibu wkoll reazzjoni min-naha tal-haddiema, specjalment dawk milquta bil-qghad. B'ghajnuna minn gruppi voluntarji u kultant anki b'xi sussidji mill-gvern jew agenziji regjonali, bosta haddiema ewropej waqqfu xirkiet ta' koperattivi produttivi. Statistika migbura turi li l-ghadd ta' haddiema msehbin f'koperattiva fil-pajjizi tas-Suq Komuni kien ta' 'l-fuq minn 800,000 fl-1985.

Mizura li qed tinghata certu mportanza mill-ghaqdiet tal-haddiema u minn numru ta' gvernijiet ewropej hija z-zieda fin-numru ta' nies jahdmu bi qliegh permezz ta' tnaqqis fis-sieghat ta' xoghol - **reduction in working time.**

Permezz ta' dan, flok per ezempju 80% tal-haddiema jahdmu erbghin siegha fil-gimgha waqt li l-20% l-ohra jibqghu qeghda, s-suggeriment min-naha ta' bosta trejd unjons ewropej huwa li jekk il-gimgha tax-xoghol tonqos, minn 40 siegha ghal per ezempju 36 siegha, allura dan ikun ifisser li jkun hemm post ghal zieda ta' haddiema ohra fuq il-post tax-xoghol.

## STATISTICS

### WORKING HOURS IN EUROPE

The working week as fixed by Law and/or Collective Agreement - 1985

| Country | Law | Agreement | Country | Law | Agreement |
|---|---|---|---|---|---|
| Austria | 40 | 37 to 40 | Iceland | 40 | 37 to 40 |
| Belgium | 40 | 36 to 40 | Italy | 48 | 36 to 40 |
| Cyprus | - | 36 to 40 | Luxembourg | 40 | 38 to 40 |
| Denmark | - | 37.5 to 40 | Malta | 40 | 40 |
| Spain | 40 | 39 to 40 | Norway | 40 | 40 |
| Finland | 40 | 35 to 40 | Netherlands | 48 | 36 to 40 |
| France | 39 | 35 to 39 | Portugal | 48 | 35 to 45 |
| Gt. Britain | - | 35 to 40 | W. Germany | 48 | 38 to 40 |
| Greece | 41 | 35 to 40 | Sweden | 40 | 36 to 40 |
| Iceland | 48 | 35 to 40 | Switzerland | 45 | 40 to 45 |

Source:
Collective Bargaining in Western Europe in 1985 and Prospects for 1986, ETUI, 1986

Is-saram jinsab hawn: Is-sidien u dawk li jhaddmu lesti jikkun-sidraw din is-sistema jekk biss il-pagi jonqsu proporzjonalment. Ghalhekk jekk per ezempju haddiem kien jaqla' Lm40 ta' gimgha ta' 40 siegha allura ta' gimgha mnaqqsa ta' 36 siegha xoghol ghandu jaqla Lm 36 ladarba hu sejjer jahdem erba' sieghat anqas. It-trejd unjons min-naha taghhom mhumiex lesti jidhlu ghal ebda ftehim li jkun ifisser tnaqqis fil-pagi.

Numru ta' trejd unjons ewropej waslu biex hadu azzjoni ndustrijali sabiex isostnu li ghandhom jonqsu s-sieghat tax-xoghol, fosthom it-trejd unjon tal-haddiema tal-metall germanizi IG Metall. Dan ghaliex mhux biss it-tnaqqis fis-sieghat tax-xoghol jista' jzid l-impiegi u jnaqqas il-qghad; fl-istess waqt, dan ikun ifisser li t-trejd unjons infushom ikunu jistghu jzidu l-membri taghhom u b'hekk ikollhom aktar sahha jinnegozjaw.

Ghalhekk waqt li jidher difficli li jintlahaq ftehim bejn min ihaddem u t-trejd unjons, b'ghajnuna u bl-indhil tal-Gvern, it-tnaqqis fis-sieghat tax-xoghol seta' jigi ntrodott f'certi kazi.

Per ezempju, fil-Belgju, sar ftehim biex is-sieghat tax-xoghol jitnaqqsu b'5% billi gew iffrizati xi zidiet fil-pagi. Dan wassal ghal zieda ta' bejn 26,000 u 40,000 impieg. Fi Franza, l-Gvern offra sussidju lil dawk il-fabbriki li jimpjegaw haddiema minhabba gimgha mnaqqsa ta' xoghol.

Wiehed jista' jifhem ukoll ghalfejn Gvern jista' jkun lest li jissussidja z-zieda fl-impiegi billi dan ikun ifisser l-iffrankar ta' beneficcju tal-qghad li, f'bosta pajjizi ewropej, ilahhaq bejn is-60% u 80% tal-paga medja.

F'Malta din l-istrategija biex jitnaqqas il-qghad ghadha ma qabditx art. Izda, jista' jkun li din issib postha fuq l-agenda trejd unjonistika fil-futur qarib. Aktarx li x-xoghol kull ma jmur isir anqas **labour intensive** u allura jkun ta' min jikkonsidra bis-serjeta' li n-numru ta' sieghat li wiehed ighaddi fuq il-post tax-xoghol ikun anqas - dan mhux biss biex jigi mpjegat haddiehor izda biex ukoll dak li jkun ikollu aktar hin liberu biex jiehu sehem attiv f'attivitajiet ohra sportivi, kulturali u edukattivi.

*Ghandek xi opinjoni favur jew kontra t-tnaqqis fis-sieghat tax-xoghol bhala strategija trejd unjonistika? Ghaddiha lilna u nxandruha fil-harga li jmiss ta'* ***PERSPETTIVI***

*Godfrey Baldacchino*

Referenzi siewja:


BOLTHO, Andrea, Ed (1982) The European Economy - Growth and Crisis, Oxford, Oxford University Press, Ch.1

EUROPEAN TRADE UNION INSTITUTE (1983) - Working Time in Western Europe in 1982, Brussels, ETUI, Ch.8

BLYTON, Paul (1985) 'Workplace Democracy, Unemployment & the Reduction of Working Time', Economic & Industrial Democracy, Vol.6 No.1,

THE CATERING CO-OP LTD.

MC. BURGERS

MALTA

# THE CATERING CO-OP LTD.

*operators of*

## Mc:BURGERS

*Freedom Square, Valletta. Tel. 222716*

*Bisazza Street, Sliema. Tel. 335319*

## Cafè De La Vallette

City Gate, Valletta Tel. 227704

## M.V. GĦAWDEX

Restaurant — Cafeteria

OUTSIDE CATERING AND CANTEEN OPERATORS



# KONFRONT

*F'dawn il-pagni ta'* ***PERSPETTIVI*** *qeghdin nigbru xi opinjonijiet u fehmiet differenti dwar xi suggett fil-qasam tal-partecipazzjoni tal-haddiema jew ta' relazzjonijiet industrijali. Dan bi l-ghan li jistimula sens ta' kritika fostkom il-qarrejja kif ukoll iqajjem xi forma ta' reazzjoni jew kontribuzzjoni minn fostkom.*

*It-Tema ta' llum hija:*

***Il-partecipazzjoni fuq il-post tax-xoghol hija parti mill-mixja tal-haddiema lejn socjeta' aktar demokratika?***

## IVA

Industrial Democracy is a strategy of Labour whereby capital's power in the workplace is to be eroded by the encroachment of more participative and bargaining arrangements which push forward the 'frontier of control'.

P. Cressey & J. MacInnes (1980)

The actual experience of workers' participation may set in motion a change process which extends further than the form of participation initially introduced. Therefore one may speak of a 'participation process' or 'democratisation process' - a development over time of ideas, practices, events... These may lead, step by step, to more participation of workers in management, control and ownership.

G. Kester & F. Schiphorst (1986)

Worker participation schemes aim at redefining the respective roles of owners, managers and workers in the enterprise, and at radically changing the power relationships between them.

J. Schregle (1976)

## LE

Industrial Democracy is a strategy by capital to incorporate labour and its shop floor organisation into a system of workplace decision-making whose outcome is already decided by the dominance of the relations of production at a social level, as transmitted to each firm by competition and market forces.

T. Clarke (1977)

Systems of workplace democracy, situated within market-capitalist economies do not and indeed, cannot serve as an incubator of socialist values and thus as an instrument for the advance of a general system of economic democracy ......... Without organizational, political or ideological linkages between them and with no resources to resist the logic of a market and the power of the capitalist state, democratic enterprises must move inevitably towards egoism and profit orientation.

E. Greenberg (1983)

The strategy of increasingly involving the working community in the domain traditionally dominated and controlled by management, while seeking to emancipate labour and to bestow new responsibilities upon workers, in line with the country's overall economic and social objectives.

Malta Development Plan 1981-85

It is through the struggle for "Industrial democracy"....that is to say, the workers' power of control, of management and self-management, rising from the shop floor to the corporation and the industry until it embraces the economy as a whole - that the working class learns to know the value and necessity of socialism and thus grows up to become the ruling class".

A. Gorz (1973)

Whatever the good intentions of those who originally employed the term, workers' participation has become absorbed by the capitalist class as part of its own ideology, as an expression of its intention to secure class harmony within capitalism.

L. Panitch (1978)

Via workers' participation, authority remains with the employer; it is he who still controls, but those who are controlled are taken into his confidence; their views are solicited; and so the control, by becoming less of an imposition, is made to operate more effectively.

A. Jones - British Conservative M.P. (1950)

---

*Minn dawn il-fehmiet differenti, jista' wiehed jasal biex jiddentifika x'inhuma l-kundizzjonijiet necessarji u krucjali li jwasslu biex il-partecipazzjoni tal-haddiema fuq il-post tax-xoghol tkun verament ta' fejda ghall-haddiem?*

*Nilqghu l-opinjonijiet taghkom fuq dan is-suggett.*

# ELEZZJONI TAS-SEBA' KUNSILL TAT-TARZNA

*Nhar il-Gimgha, 28 ta' Frar 1987, il-haddiema tat-Tarzna ta' Malta vvutaw ghas-seba' Kunsill ta' Amministrazzjoni ta' l-azjenda taghhom. Hawnhekk qeghdin naghmlu analizi fuq fuq tar-rizultati:*

* In-numru ta' haddiema li setghu jivvutaw kien ta' 4379. Dan kien l-anqas wiehed minn kemm ilhom isiru elezzjonijiet ghall-Kunsill. Fil-fatt, naqsu kwazi elf haddiem mit-Tarzna mill-1975 sa' llum.

* Sammy Meilaq rega' gie elett u b'hekk baqa' l-uniku haddiem elett fuq is-seba' Kunsilli li kien hemm fit-Tarzna s'issa. Huwa gab numru akbar ta' voti din is-sena milli fl-1985, ghalkemm in-numru ta' haddiema li setghu jivvotaw sentejn ilu kien ta' 159 aktar.

* Hlief ghall-elezzjoni ta' l-ewwel Kunsill ta' l-1975, fl-elezzjoni ta' din is-sena kien hemm l-oghla persentagg ta' voti mitfugha: 92.7%

* Ghall-ewwel darba, n-numru ta' kandidati li kkontestaw l-elezzjoni kien akbar minn dak ta' l-elezzjoni ta' sentejn qabel. Din id-darba kien hemm sbatax il-kandidat waqt li fl-1983 u l-1985 kien hemm biss tlettax.

Hawn taht migbura statistika dwar l-elezzjonijiet kollha li saru s'issa ghall-Kunsill tat-Tarzna:

| Data: | 1975 | 1977 | 1979 | 1981 | 1983 | 1985 | 1987 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Numru ta' Haddiema | 5330 | 5223 | 5048 | 4894 | 4819 | 4538 | 4379 |
| Numru ta' voti mitfugha | 5062 (95%) | 4473 (86%) | 4491 (89%) | 4398 (90%) | 4458 (93%) | 4127 (91%) | 4062 (93%) |
| Numru ta' voti nvalidi | 150 ( 3%) | 1989 (38%) | 492 (11%) | 179 ( 4%) | 1232 (26%) | 1098 (24%) | 874 (20%) |
| Numru ta' voti validi | 4912 (92%) | 2384 (48%) | 3999 (78%) | 4219 (86%) | 3226 (67%) | 3029 (67%) | 3188 (73%) |
| Numru ta' Kandidati | 36 | 21 | 17 | 17 | 13 | 13 | 17 |

DIRETTUR HADDIEM GDID FIL-BANK OF VALLETTA

Is-Sur Frank Mallia, li huwa supervisor fl-iStaff Department tal-Bank of Valletta u membru fil-Group Committee ta' l-STPSA (GWU), gie elett direttur haddiem tal-Bank of Valletta ghal perijodu ta' sena.

Fl-elezzjoni li saret fid-9 ta' Dicembru 1986 fil-ferghat kollha tal-Bank, 86% ta' dawk eligibbli ghall-vot ivvutaw. In-numru ta' voti nvalidi kien ta' 14%.

Ir-rizultati ta' l-elezzjoni kienu hekk:

Frank Mallia 509 voti; Joe Esposito 498 voti;
Raymond Lanzon 355 voti; Joseph Brincat 188 voti;
Louis Degabriele 145 voti.





**APAP & DINGLI LTD.**

Household Goods & General Merchants

**Manufacturers, Import & Export:**
**Spanish Bronze & Gold Plated Chandeliers, Lanters, Wall-Brackets, Lampshades & Strass Swarovski.**

Showrooms:
NEW SHOP
721, High Street, Hamrun. (opposite Broad Street)

54, Cannon Road, St. Venera
Tel: 220168/491453/620174

*Navżaw li din hija l-unika ditta f'Malta li toffri servizz ta' tindif u tiswija fuq linef, fanali, lampshades, kandilabri w oġġetti tar-ram jew bronż. Għal dan is-servizz il-kumpanija toffri stima mingħajr obbligazzjoni.*

**Hinijiet: 9am — Nofsinhar 4pm — 7pm**

## SHUBIJA FIT-TREJD UNJONS

Ta' kull sena, r-Registratur tat-Trejd Unjons fid-Dipartiment tax-Xoghol jippublika fil-gazzetta tal-gvern rapport dwar is-shubija tat-trejd unjons u ta' l-ghaqdiet ta' min ihaddem skond il-provedimenti ta' l-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali (1976)

Wiehed jista' jasal ghal certu konkluzjonijiet meta jhares lejn kif varjaw ic-cifri tat tishib fit-Trejd Unjons f'dawn l-ahhar ghaxar snin:

| Sena | 1975/76 | 1980/81 | 1985/86 |
|---|---|---|---|
| Numru ta' haddiema * jahdmu bi qliegh: | 110,518 | 115,161 | 112,295 |
| Numru ta' shubija ta' haddiema fi trejd unjons: | 38,771 | 42,415 | 53,283 |
| Numru ta' trejd unjons: | 35 | 22 | 16 |
| Numri ta' msiehba: GWU | 27,167 | 29,432 | 31,092 |
| UHM (qabel MGEU) | 3,605 | 6,160 | 15,954 |
| MUT | 3,172 | 3,267 | 3,684 |
| MUBE | 871 | 1,012 | 1,145 |
| Lotto Receivers' Union | 150 | 140 | 162 |
| Ghaqda (Unjon) Ufficjali Anzjani tat-Tarzna - DSESU | 99 | 92 | 86 |
| Msiehba f'unjons ohra | 3,707 | 2,312 | 1,160 |

* Figuri mehudin mill-Economic Survey (Jan - Sept. 1985)

- In-numru ta' haddiema msehbin fi trejd unjons baqa' jizdied matul dawn l-ahhar ghaxar snin anki meta n-numru ta' dawk jahdmu bi qliegh naqas. Dan jista' jkun zieda genwina ta' union density jew inkella zieda f'dawk il-haddiema li jidhlu membri ta' aktar minn unjon wahda. Statistika fuq dual membership qatt ma ngabret s'issa f'Malta.

- In-numru ta' trejd unjons naqas bin-nofs matul dawn l-ahhar ghaxar snin. Dan kien l-aktar minhabba numru ta' mergers bejn unjons zghar u l-UHM, li rregistat l-akbar zieda fis-shubija f'dan il-perijodu.

- Persentagg dejjem akbar ta' haddiema Maltin huma msehbin fiz-zewg unjons generali, li jigbru fihom haddiema ta' kull grad u qasam - il-GWU u l-UHM. In-numru ta' haddiema msehbin f'unjons ohra qieghed dejjem jonqos.

- Nistghu nghidu li din it-trend kompliet fis-settur privat matul l-1986. Il-GWU habbret li organizzat il-haddiema f'dawn l-imprizi fi hdanha: Leisure Footwear; Honey Homes; Jogal Enterprises; Fuji Laboratory; Cottonera Properties; Galaxy Aparthotel; V& F. Company (Mr Chopper); Spray Pack u Petrochem Engineering & Construction. Il-UHM min-naha taghha habbret li organizzat fi hdanha il-haddiema ta' Rimus Riley u Zamco Crowndale u rebhet 'sole recognition' fl-Austria Tabak u l-Menrad

- Fejn jidhlu 'house unjons' kien hemm dawn l-izviluppi ewlenin ta' matul l-1986:

  - Il-Unjon Impjegati SFC li kellha numru ta' kwistjonijiet industrijali.

  - Il-House Unjon Maldiam li giet imwaqqfa wara azzjoni ndustrijali twila.

  - Il-Ghaqda Haddiema Bluebell li giet xolta wara li kienet ilha mwaqqfa sitt snin

*Id-dettalji jinsabu f'pagni ohra ta' din il-harga ta' PERSPETTIVI*

# IL-PARTECIPAZZJONI FIL-KAMPANJA ELETTORALI

Matul il-kampanja elettorali ta' qabel l-elezzjonijiet generali ta' Mejju 1987, is-suggett tal-partecipazzjoni tal-haddiem fix-xoghol u fis-socjeta' sab postu fil-manifesti politici tas-zewg partiti l-kbar, il-MLP u l-PN. Dan ghalhekk ifisser li l-partecipazzjoni fil-principju u bhala idejal ghat-tishih ta' socjeta' demokratika huwa hsieb komuni u mhux lok ghal nuqqas ta' qbil. Id-differenzi bejn iz-zewg partiti johorgu meta wiehed jifli d-dettalji tal-fehmiet taghhom.

Fl-abbozz tal-manifest elettorali ta' l-MLP/GWU - Mal-Labour ghall-Paci u l-Progress, ixxandar il-htiega li l-partecipazzjoni tal-haddiema fit-tmexxija tal-postijiet tax-xoghol tinfirex skond pjan mahsub li jaghmel differenza bejn is-settur pubbliku, parastatali u privat. Ghalhekk il-manifest ta' l-MLP/GWU jipproponi:

- l-inkoraggiment ta' strutturi ta' konsultazzjoni bejn sidien ta' azjendi privati u rapprezentanti tal-haddiema.
- rapprezentanza elettiva ta' haddiema diretturi fil-bordijiet kollha tat-tmexxija ta' kumpaniji parastatali u nkoraggiment ta' dritt simili anki f'**joint ventures** bejn il-Gvern u investituri ohra.
- attentat frisk li jitwaqqfu "Departmental Committees" fic-Civil
- incentivi u ghajnuna ohra lill-koperattivi ezistenti u ohrajn godda.

Fil-programm elettorali tal-PN - Xoghol, Gustizzja, Liberta': Is-Sisien ghall-Gejjieni, il-partecipazzjoni hi meqjusa bhala principju ewlieni tal-hsieb demokratiku. Il-firxa tat-tishib tigi proposta permezz ta' programm fit-tul fuq il-post tax-xoghol waqt li giet proposta wkoll forma ta' partecipazzjoni civika. Il-manifest tal-PN jipproponi:

- It-tishib tal-haddiem fil-propjeta, fil-qliegh u fit-tmexxija ta' l-imprizi fejn jahdem. Dan isehh skond il-qaghda ekonomika u n-natura ta' l-impriza u jigi ntrodott pass pass u, l-ewwel, fl-imprizi parastatali.
- L-inkoraggiment ta' l-izvilupp ta' koperattivi permezz ta' ghajnuna teknika u finanzjarja.
- It-twaqqif ta' kunsilli lokali li jkunu risponsabbli ghall-amministrazzjoni tal-hwejjeg pubblici f'certu lokalitajiet li jkunu eletti b'votazzjoni sigrieta.

# AĦNA, PARTEĊIPANTI FID-
# DIPLOMA COURSE IN APPLIED SOCIAL STUDIES
# (LABOUR STUDIES) 1983-86

Nirringrazzjaw liċ-Chairman u l-iStaff taċ-Ċentru għall-Iżvilupp tal-Parteċipazzjoni tal-Ħaddiema (WPDC) kif ukoll lill-Lecturers għall-għajnuna siewja li tawna matul il-Kors.

Nawguraw suċċess lill-parteċipanti l-ġodda li qegħdin fid-Diploma Course preżenti.

Nħeġġu ħaddiema oħra sabiex ifittxu t-tagħlim għat-twettiq ta' soċjetà aħjar.

**Mill-21 parteċipant** **Mejju 1987**

# L-EDUKAZZJONI TAL-HADDIEMA - FEJN SEJRIN?

M'hemm ebda dubbju li llum l-interess fl-edukazzjoni tal-haddiema kiber hafna. L-ghaqdiet politici u trade unjonistici kif ukoll ghaqdiet ohrajn qeghdin jaghtu spinta lil dan it-tip ta' edukazzjoni. Madankollu ghalkemm sirna konxji tal-bzonn ta' l-edukazzjoni tal-haddiema donnu li ghadna ma nafux ezatt x'inhuma l-ghanijiet ewlenin taghha. Illum nemmnu fl-edukazzjoni ghall-hajja (**lifelong education**) u allura l-edukazzjoni tal-haddiema nistghu nharsu lejha bhala fergha ta' din l-edukazzjoni. Raguni ohra hi li l-haddiem jehtieg izomm ruhu aggornat waqt li ohrajn isostnu li l-edukazzjoni tal-haddiema ghandha taghmel tajjeb ghal dawk in-nuqqasijiet ta' l-edukazzjoni fl-iskola.

M'ghandniex xi nghidu t-trade unjons ihossu li l-edukazzjoni tal-haddiema hi wahda mill-funzjonijiet ewlenin li jridu jwettqu. L-edukazzjoni li toffri t-trade unjon hafna drabi tkun intiza ghall amministraturi tal-policy taghha fuq il-post tax-xoghol li hafna drabi jissejhu **shop stewards** jew rapprezentanti. Hi importanti ghall-unjon li x-**shop steward** taghha jkun bniedem imharreg. Dan ghaliex dan il-bniedem hu mghobbi b'hafna responsabilitajiet. Irid jikkonvinçi lil shabu l-haddiema u jiggieled ghad-drittijiet taghhom. Kultant irid jiehu decizjonijiet importanti u jithaddet ma' managers li jkunu mharrga iktar minnu. Barra minn hekk **shop steward** jista ghada pitghada jilhaq ufficjal tal-unjon.

Ghalhekk l-edukazzjoni li taghti it-trade unjon hi ntiza biex taghti dik is-sengha mehtiega biex ir-rapprezentant taghha jkun jista' jwettaq ix-xoghol tieghu bl-iktar mod ghaqli u efficjenti. Bhalma l-apprendist jitghallem is-sengha minn fuq il-bank tax-xoghol u minn fuq il-bank ta' l-iskola (jew post ta' taghlim/tahrig) hekk ukoll jenhtieg jaghmel ir-rapprezentant tal-unjon. Fis-seminars, laqghat u sensiela ta' lectures li torganizza, t-trade unjon tipprova permezz ta' analizi tal-problemi u diskussjonijiet tohrog tejorija fuq is-sengha tax-**shop steward**. Veru li llum t-trade unjons qeghdin jippruvaw jimirhu 'l boghod iktar minn hekk u joffru korsijiet komprensivi. Izda huwa minnu wkoll li xorta parti l-kbira li jattendu dawn il-korsijiet ikunu l-attivisti tat-trade unjon u l-haddiem tax-shop floor ma tantx jattendi.

Ragunijiet ituk hafna. Il-haddiema mhux la kemm iccaqlaqhom biex jattendu kors. Illum fis-socjeta ta' konsumerizmu li qeghdin nghixu fih il-valuri estrinsici jirbhu wisq fuq il-valuri intrinsici. Il-haddiem iktar jimpurtah mill-paga, sigurta, sahra u bonus u ebda kors ta' edukazzjoni mhu sejjer jgieghlu jibdel dawn il-prijoritajiet.

Dan hu kollu veru; izda nkunu sejrin zbaljati jekk nahsbu li l-haddiem ma jimpurtahx mill-affarijiet ohra. Minkejja l-karrotti ekonomici li gew moghtija l-haddiema ghadna qeghdin nigu wicc imb'wicc ma' problemi fuq il-post tax-xoghol li kienu jezistu snin ilu. U dan forsi jista' jaghti wiehed x'jifhem li haddiem ma jaghtix kaz ta' l-edukazzjoni ghax tant hu dizilluz dwar ix-xoghol tieghu jew dwar il-burokrazija li qieghda tahkmu li jahseb li ma jista' jsir xejn. Ikun dahal certu fatalizmu u apatija li mhux lakemm iccaqalqu.

Dawn huma punti li dak li jkun qieghed b'xi mod jew iehor involut fl-edukazzjoni ghall-haddiema ghandu jzomm quddiem ghajnejh. Jekk il-muntanja ma tigix ghandek hemm raguni validi. Jekk wiehed jipprova jersaq lejha mhux se jcaqlaqha izda jista' jifhimha ahjar.

Ghalhekk hu mehtieg u wasal iz-zmien li nfasslu pjan globali dwar l-edukazzjoni tal-haddiema. Minkejja l-passi posittivi u l-isforzi genwini li saru ma nistghux niftahru b'passi ta' ggant f'dan il-qasam. Jidher li dan il-qasam ghadu jiddependi wisq fuq il-voluntieri.

L-ippjanar hafna drabi jsir minn xahar ghall iehor jew minn gimgha ghall-ohra. Dan zgur ma jghinx biex naghmlu bniedem totali bhal ma jemmnu Paolo Freire, Antonio Gramsci u kittieba ohrajn. L-ewwel pass sar. Izda issa jehtieg li nibdew nibnu fuqu jekk verament irridu xi darba naraw socjeta partecipattiva.

*Saviour Rizzo*

WhiteFrost

**HOUSEHOLD APPLIANCES**
**SPARES & REPAIRS**
ST. SEBASTIAN STREET, QORMI
*(Opposite Mikes Service Station few metres up)*
Tel: 494022

**Agent for Major Household Goods And Refrigeration Spares**



The No. 1 Hermatic and Condensing Unit for domestic and commercial refrigeration.

aspera spa

**CONDENSING UNITS & COMPRESSORS from 1Hp to 1/8 HP AT VERY LOW PRICES, FILTER DRIERS, COPPER PIPES from 3/16 ins. to 7/18 ins. in coil. RANCO PRODUCTS, S/S DOORS, EVAPORATORS, LOCKS & HINGES, EXP. VALVES, DOOR GASKETS made to measure, and all you require in the refrigeration field. Technical advice will be given FREE.**

## FROTT L-ISTUDJU

*Qegħdin nippubblikaw kummenti minn partecipanti li għadhom kemm temmew id-Diploma Kors fil-Labour Studies (1983-86). Dawn il-kummenti huma msejsa fuq studju u riċerka li saru biex kitbu d-dissertation tagħhom bħala parti mill-kors:*

<u>Il-Mentalita' tal-Haddiem f'Tarzna Partecipattiva</u>

Il-partecipazzjoni fit-Tarzna tidher li waslet f'dak l-istadju difficli li fil-bniedem jikkorrispondi maz-zghozija. Problema li nara li tezisti llum aktar minn qabel hija l-problema tal-<u>mentalita'</u>.

L-edukazzjoni hija mezz qawwi biex tinbidel il-mentalita'. Tant hu hekk li kull parti fl-istruttura tat-Tarzna thoss il-bzonn ta' edukazzjoni aktar. Bla tlaqliq nsostnu li l-edukazzjoni hija l-pedament tas-socjeta u ghalhekk ikollha tizviluppa sabiex aktar gid ikun jista' jasal ghand il-poplu.

Ghall-certi ragunijiet maghrufa, il-haddiem kien dara sew jobdi milli jmexxi lilu nnifsu. Izda ma' l-eghluq tal-bazi Ngliza kien jenhtiegu relazzjonijiet industrijali armonjuzi. Dan kien ifisser sehem akbar tal-haddiema fit-tmexxija. Il-mentalita' kolonjali qawwija li kienet tezisti nhtegilha riformi kbar sabiex l-organizzazzjoni tradizzjonali tax-xoghol tinbidel ghal wahda partecipattiva.

Il-Management professjonali tat-Tarzna ghadu jgawdi mis-sahha li taghti l-organizzazzjoni tradizzjonali minkejja li seta' sofra xi tnaqqis fil-poter bl-introduzzjoni tas-sistema tal-partecipazzjoni. Mill-banda l-ohra, l-GWU kellha twettaq bidla fil-funzjoni ufficjali taghha. Izda, jinhass ukoll li mhix tiggwida bizzejjed lill-membri taghha ghas-success kif mixtieq ta' din il-bidla. Il-Kumitati tax-Xoghol, holqa bejn il-haddiem u l-Kunsill, huma struttura gdida, bi ftit li xejn tradizzjoni.

Il-haddiem, ghad li jemmen fil-partecipazzjoni bhala l-ahjar triq ghat-Tarzna, il-hsieb tradizzjonali ghadu jahkimlu mohhu. Forsi dan minhabba li t-termini ta' referenza ghadhom mhux cari bizzejjed f'mohh il-haddiem. Minn hawn jidher car il-bzonn qawwi ta' taghlim, kemm fl-iskejjel kif ukoll fl-Universita'.

Fiz-zmien ta' zvilupp modern, hija haga xierqa u ta' htiega kbira li l-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet, li jharsu l-interessi tal-kapital jew tar-rapprezentanti tieghu, jkollhom lok ukoll ghal lehen il-haddiem. Ghalhekk il-haddiem jinhtieglu jeduka ruhu dejjem aktar. Forsi l-bidu sar, bhal meta grupp ta' haddiema temmew kors ta' diploma fix-xjenza socjali b'enfazi dwar il-qasam tax-xoghol.

Din l-edukazzjoni fethet orizzonti godda fl-gharfien tax-xjenza socjali b'mod partikolari fil-qasam tax-xoghol. Izda jonqos hafna x'isir sabiex l-edukazzjoni taqdi ghal kollox il-htigijiet tas-sistema tal-partecipazzjoni.

*Egidio Grech*

## L-Edukazzjoni tal-Haddiema

"Aghti bniedem huta, u jiekol jum; Ghallmu kif jistad u jiekol ghal ghomru". Dan il-qawl Ciniz ifisser bi kliem semplici izda meqjuz, il-htiega kbira li l-bniedem ghandu ghall-Edukazzjoni.

Issa jekk hawn settur tal-popolazzjoni li jenhtieglu taghlim, din hija l-klassi tal-haddiema. Jekk il-klassi tal-haddiema trid timxi 'l quddiem, hemm il-htiega li din tigi mghallma kontinwament. Insibu minn studji li saru li l-klassi socjali ta' persuna mhijiex sempliciment haga ta' dhul ta' flus jew impjieg, izda tinkludi wkoll ir-relazzjonijiet socjali u l-istil partikulari ta' hajja. Ghalhekk tidher ferm importanti l-edukazzjoni bhala ghodda jew mezz biex il-haddiem u l-klassi tieghu javvanzaw il-quddiem kemm fir-relazzjonijiet socjali kif ukoll fl-istil ta' hajja li jghixu.

L-edukazzjoni tal-haddiem hija dik li tinghata waqt li jkun qed jahdem bil-ghan li jtejjeb il-kundizzjonijiet tieghu u tal-familja tieghu. Hija wkoll dik l-edukazzjoni li jehtieg biex itejjeb il-livell tas-sengha jew impjieg li jkollu.

Din l-edukazzjoni trid tinghata b'mod ghal kollox differenti mill-edukazzjoni normali li wiehed jiehu fl-iskola:

Kundizzjoni ewlenija ta' korsijiet ghall-haddiema specjalment ghal dawk li jkunu inqatghu mill-iskola hija li l-edukazzjoni tkun marbuta ma' l-esperjenza stess tal-haddiema. U ghalhekk waqt li fl-edukazzjoni fl-iskola wiehed jimxi mit-tejorija ghall-prattika, fil-kaz ta' dawk li telqu mill-iskola, l-edukazzjoni trid timxi mill-prattika ghat-tejorija. B'hekk il-haddiem ikun jista' jifhem ahjar it-tejorija.

Kundizzjoni ohra hija li biex grupp ta' studenti adulti jirnexxi, il-membri tieghu irid ikollhom impenn u xewqa komuni li jitghallmu. Dan inaqqas it-tensjoni u jibni il-fiducja.

Hemm bzonn ta' ippjanar serju. Fost l-ohrajn, l-ghalliema iridu jkunu mharrga fl-edukazzjoni tal-haddiem u jkunu kapaci jhajjru lill-haddiem jerga' jikseb il-fiducja fih innifsu u jizviluppa l-persuna tieghu.

Intqal ukoll li l-bniedem ma jahdimx biss biex ighix izda biex ukoll ihoss ruhu ta' uzu u sabiex jikseb certu identita' u status socjali. Ghalhekk jehtieg li l-haddiem jifhem l-ambjent socjali, ekonomiku u ta' zvilupp ta' madwaru. Dan allura jwassal ghall-htiega tat-taghlim tax-xjenza socjali lill-haddiema.

Fil-qosor, l-ghalliema jrid ikollhom interess fl-istudenti taghhom bhala "haddiema adulti", jkunu kapaci jifhmu l-personalita' taghhom u jirreferu ghall-esperjenza taghhom.

It-trejd unjons u ghaqdiet li joffru korsijiet ghandhom jinqdew b'edukaturi minn istituzzjonijiet edukattivi bhalma hija l-Universita'.

L-istudenti ghandhom jinghataw taghlim u taghrif dwar **kif** jistudjaw; kif juzaw il-mezzi moderni ta' taghlim; kif isibu l-kotba mehtiega mill-librerija u kif mill-kotba jsibu dak li huwa ta' siwi ghalihom.

Ghandhom jintuzaw ukoll mezzi awdju-vizivi biex il-haddiem ikun jista' jifhem u jitghallem aktar u ahjar.

*John Inguanez*

## Favur il-Koperattivi tal-Haddiema

Matul l-ahhar snin, l-ideja li titwaqqaf koperattiva mill-haddiema saret aktar popolari, specjalment f'pajjizi bhall Spanja, l-Italja, l-Ingilterra u Franza. Ghal uhud mill-haddiema din tista' tidher soluzzjoni magika ghall-problema tal-qghad. Fir-rejalta t-twaqqif ta' koperattiva jinvolvi hafna xoghol iebes li ma joffri l-ebda garanzija li din tkun aktar success minn xi ditta ohra privata. Izda hemm numru ta' vantaggi relatati mas-shubija f'organizazzjoni tax-xorta koperattiva.

Bosta mill-haddiema maltin ghad m'humiex daqstant konxji ta' dawn il-vantaggi u ghalhekk anke fejn kien hemm okkazjoni biex tigi mwaqqfa koperattiva, dawn il-vantaggi ma gewx sfruttati.

Uhud minn dawn il-vantaggi huma:-

1. Fil-koperattivi, r-responsabilta' ma taqax fuq persuna wahda, izda tinqasam bejn il-membri.
2. Ikollha l-potenzjal li tuza t-talenti krejattivi tal-membri kollha, u tipprovdi sistema aktar demokratika fit-tqassim tax-xoghol.
3. Tipprovdi struttura fejn il-membri kollha jistghu jikkontrollaw il-mod tax-xoghol, ghall-beneficcju tal-membri u tas-socjeta'

Fost principji li ghandhom jigu mharsa, insibu:

1. Li x-xoghol jikri l-kapital, u mhux il-kapital jikri x-xoghol.
2. L-oggettivi tal-kumitat u l-uzu tal-finanzi ikunu kkontrollati mill-kumitat tal-koperattiva u l-membri permezz tal-laqghat tal-kumitat u dik generali.
3. Kull membru li jkollu sehem f'koperattiva ghandu dritt ghall-vot meta jkun hemm laqgha generali tal-membri. Kull membru

ghandu dritt ghall-vot wiehed biss, anke jekk ghandu aktar minn sehem wiehed.

4. Ebda membru ma jista' jqabbad iehor biex jivvotalu. Dan biex ma jkunx hemm min jipprova jiddomina l-koperattiva billi jixtri numru ta' ishma. Il-ligi tghid li hadd ma jista' jkollu iktar minn ghoxrin fil-mija (20%) ta' ishma li jkollha koperattiva.

5. Jekk il-membri jiddeciedu li jxolju l-koperattiva, hadd minn dawn il-membri ma ghandu jibbenifika finanzjarjament billi jaghmel dan ix-xoljiment.

6. Ghan iehor, ghandu jkun mhux biss li l-koperattiva taghmel il-qliegh, izda wkoll li toffri sigurta' lill-membri.

L-aspirazzjoni biex titwaqqaf koperattiva tista' tigi minn diversi sorsi, izda bazikament din trid tkun sforz ta' grupp ta' haddiema flimkien. Jekk haddiem ikollu din l-idea wahdu, jkun ifisser li jrid isib haddiema ohra li lesti jaqsmu mieghu din l-esperjenza.

Jista' jkun li jezistu fatturi li jaghqdu grupp flimkien, bhal nghidu ahna snajja, xi esperjenza ta' xoghol flimkien, jew konnessjonijiet fil-hajja socjali. Dawn jistghu jkunu wkoll haddiema li jahdmu fl-istess fabbrika, kumpanija u li tilfu l-impjieg taghhom minhabba nuqqas ta' xoghol.

Il-problemi li jhabbtu wicchom maghhom il-haddiema fil-koperattivi m'humiex anqas minn ta' dawk li jahdmu f'azjendi ohra, u mhux ta' min ihallihom ghaddejja bla ma jigu nnotati. Dawn ghandhom mnejn ikomplu jizdiedu u jsiru aktar komplikati fis-snin li gejjin. Peress li dawn il-haddiema jahdmu fi gruppi zghar, jista jaghti l-kaz li jkunu l-ewwel li jintlaqtu minn xi ricessjoni ekonomika. Izda mill-banda l-ohra ghalkemm iffaccjati b'din il-kompetizzjoni ta' ndustrija teknologika aktar avvanzata dawn il-haddiema jistghu jaghmlu progress ghaliex dawn jinsabu fi gruppi aktar zghar ta' haddiema u jahdmu ghal idejali komuni. Kull wiehed minn dawn sejjer jahdem u jistinka biex jahdem ghal gid tieghu u ta' shabu wkoll .

Il-holqien ta' l-impjiegi jidher li ser tibqa' l-problema ewlenija fil-gejjieni u mhux ser ikun daqstant facli li jinholqu mpjiegi ghal kulhadd. Huwa f'dan il-kuntest li l-koperattiva tista' tkun mezz kif diversi haddiema b'inizjattiva jaghqdu t-talenti taghhom flimkien u jahdmu ghall-progress taghhom u tas-socjeta'.

*Emanuel Debono*

# ATTIVITAJIET TAL-WPDC

Hidma mic-Centru fil-qasam ta' l-edukazzjoni tal-haddiema, konsultazzjoni u ricerka fil-qasam tal-partecipazzjoni u ta' relazzjonijiet industrijali f'dawn l-ahhar xhur. Aktar dettalji jinstabu f'pagni ohra ta' din in-News-letter.

* Eghluq ta' Diploma Course in Applied Social Studies (Labour Studies) ta' tlett snin. 21 partecipant temmew b'success dan il-kors.

* Diploma Kors fil- Labour Studies gdid ta' sentejn li beda f'Marzu 1987. Ghal dan il-kors ntghazlu 30 partecipant minn numru ferm akbar ta' applikanti. Il-kors beda b'units fil-Psikologija u fl-Ekonomija.

* Tkomplija ta' ricerka u kitba dwar l-Edukazzjoni u l-Partecip-azzjoni fil-kuntest ta' progett internazzjonali komparattiv koordinat mill-International Center for Public Enterprises in Developing Countries (ICPE) ta' Ljubljana, Yugosalvia

* Tkomplija ta' monitoring mill-gazzetti lokali kollha ta' zviluppi fil-qasam tar-relazzjoni-jiet industrijali, edukazzjoni tal-haddiema u tal-partecipazzjoni fuq il-post tax-xoghol.

* Thejjija ta' memorandum indirizzat lill-partiti politici bi l-ghan li jigi studjat fit-tfassil ta' manifesti elettorali qabel l-elezzjoni ta' Mejju 1987.

* Seminar ta' jumejn fuq it-Taghlim tax-Xjenza Socjali fl-iskejjel sekondarji flim-kien mat-Taqsima tax-Xjenza Socjali fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni f'April 1987. Dan bi thejjija ghall-ewwel ezami tal-Matrikola Ordinarja f'dan is-suggett.

* Kors ta' lectures dwar it-trade unjonizmu mmexxija minn Dr Anthony Smith, lecturer u tutor f'Ruskin College, Oxford f'Marzu 1987.

* Monitoring ta' l-elezzjonijiet ghas-seba' Kunsill ta' Amministrazzjoni tat-Tarzna ta' Malta, fi Frar 1987.

* Tahditiet dwar il-partecipaz-zjoni u dwar relazzjonijiet industrijali lil studenti tas-Sixth Form ta' De La Salle College u lil studenti fl-iskola sekondarja taz-Zejt-un tal-bniet.

* Sensiela ta' programmi fuq ir-Radju ta' 15 il-minuta l-wiehed bit-tema Perspettivi Godda b'kollaborazzjoni mal-Media Centre tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni

# IL-Lotterija tal-Ġimgħa ISSA TOFFRILEK




## PREMJU KULL ĠIMGĦA

**Premju ta' Lm 2,000**
**Żewġ Premjijiet ta' Lm 500**
**Ħames Premjijiet ta' Lm 100**
**72 Premju ta' Lm1-il wieħed**
*F'biljetti tal-Lotterija l-Kbira*
**720 Premju ta' 25 ċ-il wieħed**
*F'biljetti tal-Lotterija tal-Ġimgħa*

**Il-Biljetti Rebbieħa ta' lira jew 25 ċ jistgħu jinbidlu għand ir- Riċevituri tal-Lottu jew Bejjiegħa Awtorizzati.**

*Biljetti 25ċ-il wieħed. Tlugħ kull nhar ta' Gimgħa.*
*ĦU SEHEM U IRBAĦ.*

## KALENDARJU NDUSTRIJALI

*Qeghdin hawn taht nigbru sensiela ta' taghrif dwar x'sehh fix-xena lokali matul is-sena 1986 f'dak li ghandu x'jaqsam ma' relazzjonijiet industrijali. Dan it-taghrif huwa mehud mill-gazzetti li johorgu kuljum f'Malta u li jingabar u jigi kklassifikat mic-Centru ghall-Izvilupp tal-Partecipazzjoni tal-Haddiema.*

*Dan il-materjal jinsab ghad-dispozizzjoni ta' kull min ikun irid jaghmel xi studju jew ricerka fuq ir-relazzjonijiet industrijali lokali.*

### Fil-Qasam tal-Partecipazzjoni - 1986

7/1 Il-haddiema tal-fabbrika Medelec Switchgear ta' Buleben jinghataw bonus specjali ta' Lm100 kull wiehed

13/1 Tigi ppreparata l-hatra ta' delegati fuq il-Konfederazzjoni ta' l-Ghaqdiet tal--Genituri tat-tfal fl-iskejjel ta' l-Istat.

14/1 Titwaqqaf il-Kumpanija Malta Dairy Products biex tiehu t-tmexxija ta' l-impriza tal-Halib (MMU). 40% mill-ishma nkisbu mill-Koperattiva Produtturi tal-Halib (KPH)

22/1 Fit-twegiba parlamentari l-Prim Ministru qal li l-elezzjonijiet ghall-Kumitati tax-Xoghol fic- Civil isiru jekk u meta tintwera x-xewqa mill-haddiema koncernati.

29/1 Jigi ssuggerit it-twaqqif ta' Birrerija gdida fuq bazi ta' Koperattiva ta' Konsumaturi.

7/2 Titressaq mozzjoni fil-Konferenza tad-delegati tat-Taqsima Tarznari (GWU) dwar program edukattiv ghax-Shop Stewards biex dawn jaqdu ahjar id-dmirijiet taghhom f'sistema partecipattiva.

21/2 Martin Grasso jinhatar haddiem direttur b'vot sigriet fuq il-Bord tad-Diretturi tal-Kumpanija parastatali Construction & General Engineering

21/2 Il-Ministru Wistin Abela jitkellem dwar il-bzonn li l-partecipazzjoni tinfirex f'industriji ohra waqt li qed jindirizza haddiema tat-Tarzna ta' Malta u tal-Marsa

25/2 Il-Konferenza Generali tal-UHM titlob lil Gvern jaghmel programm serju dwar il-partecipazzjoni f'konsultazzjoni ma' l-Ghaqda Dinjija tax-Xoghol

26/3 Il-Koperattiva "Catering Coop Ltd." rregistrat qliegh ta' Lm11,682 wara li thallset it-taxxa.

30/3 Il-Kumitat Edukattiv tal-GWU jorganizza kors dwar il-Partecipazzjoni mill-Haddiema (Self-Management)

21/4 Tithabbar it-twaqqif ta' kumpanija tal-laham bil-maggoranza ta' l-ishma taghha f'idejn il-Koperattiva tal-Produtturi tal-Halib.

7/5 Jitwaqqaf Joint Consultative Committee bejn il-haddiema u l-management fil-fabbrika Nylon Knitting

21/6 Tinhatar l-ewwel mara direttur-haddiem mal-kumpanija parastatali Magruvision Ltd ta' Buleben. Din hija Ms Pauline Formosa. Titwaqqaf ukoll 'production consultative committee' fl-istess fabbrika.

4/7 Jizdied il-qsim mill-profitti ghall-haddiema tal-Koperattiva Produtturi tal-Halib (KPH) wara ftehim mal-GWU

13/7 F'dokument imsejjah 'Il-Politika tal-PN : Stqarrija ta' Fehmiet Bazici ' il-Partit Nazzjonalista jishaq li l-partecipazzjoni tal-haddiema fit-tmexxija, fil-profitti u fl-ishma ghandha tibda mis-settur pubbliku.

26/7 Jitwaqqaf kumitat fi hdan il-GWU biex titwaqqaf Koperattiva tat-taxis sabiex tippjana u tqassam ix-xoghol ahjar.

3/8 Jigi elett parti mill-Kumitat tat-Tmexxija l-gdid tal-Casino de Malte mill-haddiema stess. Il-membri l-ohra tal-Kumitati jigu nominati mill-BOV, GWU u l-MDC.

3/10 Saret l-ewwel laqgha generali tal-Koperattiva tal-Produtturi tal-Bajd.

7/11 Jidhol il-vapur tal-P. & O. Sea Princess fin-No.5 Dock tat-Tarzna ghal tiswijiet estensivi li jiswew kuntratt rekord ta' Lm 2.5 miljun lira.

31/12 Il-Ministru l-Onor Wistin Abela jitlob lill-GWU biex tinnomina l-ewwel haddiem biex jirraprezenta lill-impjegati fil-Bord tad-Diretturi tal-Kumpanija Air Malta Co. Ltd.

## Decizjonijiet tat-Tribunal Industrijali - 1986

1/1 Tigi kkonfermata t-tkeccija ta' haddiem minn mal-kumpanija Maldiam fuq bazi ta' redundancy.

3/2 Tigi kkonfermata t-tkeccija ta' haddiem minn mal-kumpanija Thomas de la Rue (M) Ltd fuq akkuza ta' serq.

10/2 Tigi kkonfermata li t-tkeccija ta' skarpan minn mad-ditta V.&F.Co. Ltd. kienet gusta u skond il-ligi

10/2 Il-Management tal-Hilton International (M) Ltd gie ordnat ihallas Lm8,400 lill-ex Executive Housekeeper wara li t-tkeccija tieghu giet iddikjarata ngusta ghax ma nghatax l-opportunita' li jiddefendi lilu nnifsu.

10/2 Il-kumpanija Cassar Construction Ltd giet ordnata thallas Lm200 kumpens lil ex-impjegat wara li dan tkecca mill-impjieg

12/2 Kumpanija giet ordnata thallas Lm2,060 kumpens lil ex-impjegat talli tkecca ngustament. Dan izda ma setax jiddahhal lura ghax-xoghol li kellu minhabba li kien jokkupa posizzjoni manigerjali ta' fiducja

6/3 Tigi michuda talba ghal kumpens minn mekkanik wara li gie 'redundant' minn mad-ditta F. Borda & Sons Ltd.

12/3 It-tkeccija ta' haddiem minn mal-kumpanija Silvio Mifsud & Sons tigi ddikjarata gusta. Il-kumpanija izda tigi ordnata thallas flus dovuti lilu f'forma ta' salarju, bonus u leave sa jum il-waqfien tax-xoghol.

20/3 Il-kumpanija Flight Catering Unit tal-Corinthia Group tigi ordnata thallas kumpens ta' Lm600 lill-ex haddiem li tkecca ngustament.

20/3 It-tkeccija ta' Manager minn mal-kumpanija Eden Hotels Ltd tigi ddikjarata gusta u skond il-ligi.

21/3 It-tkeccija ta' mpjegata minn mal-kumpanija T.R. Services Ltd fuq bazi ta'. redundancy tigi ddikjarata gusta.

21/3 Il-kumpanija Foster Clark Products Ltd giet ordnata thaddem skrivana fuq xoghol li kellha qabel tkecciet u li taghtiha Lm2,000 kumpens.

10/4 Gie kkonfirmat it-tmiem ta' mpjieg ta' haddiem f'livell manigerjali minn mad-ditta Bowling Centre. Il-kumpanija izda giet ordnata thallas is-somma ta' Lm400.

14/6 It-tkeccija ta' mpjegata minn mal-kumpanija Ladytex Ltd tigi ddikjarata gusta minhabba l-l-imgieba ta' l-istess impjegata lejn is-superjuri taghha.

23/6 Jigi deciz li kaz ta' tkeccija gie mressaq bi zball kontra kumpanija b'ohra li ghandha identita' guridika separata.

8/7 Dwar tilwima bejn Farsons u l-Unjon Impjegati SFC, giet issuggerita atmosfera aktar kordjali bejn il-management u l-house unjon.

30/7 Il-UHM tinghata 'sole recognition' fil-kumpanija Austria Tabak (M) Ltd.

30/7 Site Manager minn mal-kumpanija Cottonera Properties Ltd jirbah kumpens ta' Lm1,000 wara li t-tkeccija tieghu tigi ddikjarata ngusta.

4/8 Impjegata tinghata s-somma ta' Lm3,400 wara li tkecciet ingustament mill-impjieg minn mal-kumpanija Messrs Montreal Co. Ltd.

5/8 It-tkeccija ta' haddiem minn mal-kumpanija Captain Morgan Cruises Ltd tigi ddikjarata gusta u skond il-ligi.

13/8 Ex-impjegat ma' Foster Clark Products Ltd lahaq ftehim fi kwistjoni li kien hemm quddiem it-Tribunal wara li l-kumpanija halsitlu Lm4,000

13/8 It-tkeccija ta' mpjegata minn mal-kumpanija Chemimart Ltd tigi ddikjarata gusta wara li fallew tentattivi ta' konciljazzjoni mid-Dipartiment tax-Xoghol

26/8 Tigi ddikjarata gusta t-tkeccija ta' haddiema minn mad-ditta Andrews Feeds (M) Ltd. fuq allegazzjoni ta' hrug ta' materjal bla permess.

5/9 Il-kumpanija D. Tanti Ltd tigi ordnata thallas kumpens ta' Lm3,200 wara li t-tkeccija ta' haddiem giet dikjarata ngusta u kontra l-ligi.

8/9 Impjegat ma' Medairco Ltd jirbah Lm1,200 kumpens meta gie ddikjarat li tkecca ngustament.

8/9 Accountant ma' Carsons Ltd. jirbah Lm500 kumpens wara li gie dikjarat redundant.

7/10 Trainee Supervisor mal-kumpanija SJI Clothing Industry Co. jirbah kumpens ta' Lm400 wara li t-tkeccija tieghu tigi ddikjarata ngusta.

14/11 Tigi ddikjarata gusta t-tkeccija ta' Manager minn mal-Metropole Hotel.

4/12 Salesgirl li tkecciet minn ma' Nashinal Pharmacy tirbah Lm600 kumpens wara li t-tkeccija taghha fuq bazi ta' redundancy tigi ddikjarata ngusta.

24/12 It-tkeccija ta' Assistant Foreman minn mal-kumpanija Andrews Feeds (M) Ltd tigi ddikjarata gusta u skond il-ligi.

## Kwistjonijiet Industrijali - 1986

1/1 It-Taqsima Hwejjeg, Tessuti u Gild tal-GWU tiehu f'idha l-kaz ta' numru ta' tfajliet li qed igarrbu ugigh minhabba xoghol repetittiv. Wara nvestigazjoni, sar maghruf li xoghol repetittiv jista' jwassal ghal korriment. It-taqsima titlob kumpens mis-sidien lill-haddiema milquta kif ukoll harsien ahjar mill-ligi.

6/1 Il-UHM titlob biex tigi rikonoxxuta bhala l-unjon li tirraprezenta lill-Fizzjali u Gwardjani fil-Branch tad-Dwana u s-Sisa.

7/1 Il-UHM tikkundanna l-impieg ta' 'casual clerks' mal-Gvern.

9/1 Il-MUBE tikkritika lill-management tal-Bank of Valletta fuq il-promotions li nghataw lill-312 haddiema.

14/1 Sehh strajk ta' xi sieghat mill-haddiema tal-Corinthia Flight Catering Unit msejjah mit-Taqsima Lukandi Ristoranti u Ikel tal-GWU.

14/11 Il-GWU (Taqsima Port u Trasport) izzomm vapur tal-merkanzija milli jsalpa mill-Port Il-Kbir minhabba li l-bahhara kienu ilhom 6 xhur bla paga.

6/2 Il-UHM tirbah 'sole recognition' fil-Menrad Ltd wara ccekkjar mid-Direttur tax-Xoghol

12/2 Il-haddiema tal-Metalfond ta' Hal Far jaghmlu strike ta' erba' sieghat fuq direttiva tal-GWU wara nuqqas ta' qbil fuq shift roster

21/2 It-Taqsima tal-Metal (GWU) tiehu azzjoni ndustrijali ma' seba' kumpaniji li jimpurtaw il-karozzi fuq kwistjoni dwar revizjoni tal-ftehim kollettiv li jolqot madwar 300 haddiem. Taqsimiet ohra tal-GWU avzaw lill-membri taghhom biex ma jaghmlux xoghol konness ma' dawn il-kumpaniji bhala turija ta' appogg u solidarjeta, sakem jintlahaq ftehim.

22/2 Jigi elett Kumitat ta' Azzjoni biex jistharreg mod effettiv kif il-haddiema tal-hwienet kollettivament jistghu jitolbu biex jinghataw nofs ta' nhar frank fil-gimgha. Jigi deciz li titwaqqaf trade unjon gdida ghal dan il-ghan - il-Unjon Haddiema tal-Hwienet.

7/3 It-Taqsima tal-Metall (GWU) tikseb nofs ta' nhar tas-Sibt frank lill-haddiema tal-hwienet ta' A.& A. Petroni.

16/3 Haddiema f'fabbrika taz-zraben tiddahhal lura ghax-xoghol wara li l-impieg taghha kien imwaqqaf minhabba li kienet ezawriet is-sick leave kollu taghha minhabba marda fit-tul.

14/4 It-Taqsima Settur Privat (UHM) twettaq azzjoni ndustrijali fil-Preluna Hotel.

29/4 Il-GWU tordna numru ta' azzjonijiet industrijali parzjali fil-kumpanija Maldiam Co. Ltd. f'Kordin. Il-Management irritalja b'lock out mill-20 ta' Mejju. Il-GWU ordnat ghassa mal-fabbrika lejl u nhar. Numru ta' ghaqdiet flimkien mal-President Ms Agatha Barbara joffru donazzjonijiet lill-180 haddiem. Il-GWU tilhaq ftehim mal-kumpanija u rrikmandat lill-haddiema jergghu jidhlu ghax-xoghol fl-14 ta' Lulju. Il-haddiema jidhlu ghax-xoghol izda rrizenjaw mill-GWU u ddecidew li jwaqqfu "house union".

23/5 Il-Unjon Impjegati Simonds Farsons Cisk tkompli b'azzjoni ndustrijali parzjali kontra l-Management ta' Farsons. Il-Management jirritalja b'lock out. Ftehim jintlahaq wara laqgha preliminari quddiem it-Tribunal Industrijali.

12/6 Haddiema tal-Euro Components Ltd ta' Ghawdex jinghataw direttiva mill-UHM dwar kemm ghandhom jahdmu overtime.

13/6 Id-Direttur tax-Xoghol jipproponi li jinghata xoghol alternattiv ghal tfajla li, skond il-GWU, kienet mardet minhabba x-xoghol taghha fil-fabbrika Bleimund Ltd. Il-Management jinsisti li ma kellux xoghol alternattiv ghaliha. Il-kaz jitressaq quddiem it-Tribunal Industrijali.

17/6 Haddiema mal-kumpanija Associated Products Ltd (AIP) jinghataw xoghol alternattiv wara ftehim bejn il-Management u t-Taqsima Tessuti, Hwejjeg u Gild tal-GWU.

20/6 Jigi emendat l-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali (1976) sabiex allegazzjonijiet ta' tkeccija ngusta mill-impieg ikunu jridu jitressqu quddiem id-Dipartiment tax-Xoghol mhux aktar tard minn erba' xhur wara li jsehhu.

3/7 Il-GWU tirtira azzjoni ndustrijali fil-fabbrika SGS-ATES ta' Hal Kirkop wara li ntlahaq ftehim mal-kumpanija f'laqgha ta' konciljazzjoni.

28/7 Haddiema tal-Hwienet jaghmlu marc ta' protesta fil-Belt dwar it-talba taghhom ghal nofs ta' nhar frank nhar ta' Sibt.

21/8 Gie registrat nuqqas ta' qbil bejn it-Taqsima Lukandi, Ristoranti u Ikel (GWU) u l-Casino (1852) dwar zewg klawsoli fit-tfassil ta' ftehim kollettiv gdid.

27/8 It-Taqsima Tessuti, Hwejjeg u Gild (GWU) tikkontesta t-tkeccija ta' haddiem mill-fabbrika Lloyd Clothing.

27/8 Il-UHM taghmel rapprezentazzjonijiet mad-Direttur tax-Xoghol dwar ilmenti fuq kuntratti ta' xoghol li ma jkunux bil-miktub.

8/9 Il-UHM tordna overtime ban fid-Dipartiment tad-Djar.

10/9 L-MUBE jakkuza lill-management tas-Central Bank b'cahda li jiddiskuti lmenti ndividwali maghha.

8/10 Jintlahaq ftehim bejn it-Taqsima Tessuti, Hwejjeg u Gild (GWU) u l-kumpanija Lloyd Shoes wara zewg laqghat ta' konciljazzjoni, dwar haddiem li tkecca fuq dixxiplina.

10/10 It-Taqsima Tessuti, Hwejjeg u Gild (GWU) tiddefendi l-impieg ta' haddiem mal-kumpanija Intex Hosiery li safa vittma ta' rijorganizzazzjoni waqt marda twila.

15/10 Il-GWU ma tiddefendix impjegat ma' Sanga Ltd quddiem Tribunal Industrijali wara li dan irrizenja minn membru taghha. Il-kaz jitressaq quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.

24/10 It-Taqsima Lukandi, Ristoranti u Ikel (GWU) tilmenta dwar nuqqas ta' arja pura fil-Corinthia Flight Catering Unit.

27/10 L-MUBE tikkritika l-Management tal-Mid Med Bank fuq kif gew imxandra l-promozzjonijiet.

14/11 Il-Unjon Impjegati SFC tordna boycott parzjali f'attivitajiet socjali u sportivi organizzati mill-kumpanija Farsons wara nuqqas ta' qbil mal-management dwar bdil fil-postijiet tad-dhul u hrug tal-haddiema. F'Dicembru l-House Unjon ordnat 'sit down strike', ghall-istess raguni.

16/11 Il-GWU ssostni li mhix lesta taccetta proposti li qed isiru mill-Federazzjoni ta' l-Industriji biex tispicca l-gimgha ta' 40 siegha ghall-haddiema tal-fabbrika u flokha tidhol sistema ta' 2,080 siegha fis-sena.

28/11 L-MUBE tirregistra nuqqas ta' ftehim wara li twarrab suggeriment ghal restructuring exercise mill-management tal-Mid Med Bank.

9/12 Ser jitqeghdu 'extractor fans' fil-fabbrika International Shoes fejn spray taz-zraben kien ta' periklu ghas-sahha tal-haddiema.

13/12 Minn survey fost is-sidien tal-Hwienet, il-Unjon Haddiema tal-Hwienet (UHH) stqarriet li 95.7% tas-sidien jaqblu mat-talba li l-haddiema taghhom jinghataw nofs ta' nhar 'off' is-Sibt. Il-General Retailers & Traders Union (GRTU) stqarriet li tippreferi li jkunu s-sidien li jaghzlu meta jkun in-nofs ta' nhar 'off'.

18/12 It-Taqsima Tessuti, Hwejjeg u Gild (GWU) u l-kumpanija Marque Noire jiftehmu wara li gie registrat nuqqas ta' qbil dwar tnaqqis fil-pagi tal-haddiema wara qtugh tal-provista ta' l-elettriku.

29/12 Il-UHM ittenni l-htiega ta' rijorganizzazzjoni ghall-haddiema fl-isptarijiet.

## Ftehim Kollettiv

*Matul is-sena gew rappurtati fil-gazzetti bosta ftehim kollettiv kemm godda kif ukoll riveduti, milhuqa bejn unjons u management. Fosthom insibu dawn li gejjin. Id-data hija tal-gazzetta fejn jinghata t-taghrif.*

* Bejn it-Taqsima Lukandi, Ristoranti u Ikel (GWU) u l-managements tal-Marina Grain Handling Co. (15/2); Prime Bacon Co. (3/3); Jerma Palace Hotel (6/3); Country Hotel (7/3); Stirling Air Services (10/3); Mellieha Holiday Centre (22/5); Corinthia Flight Caterers (20/5); Hotel Cavalieri (20/6): Hotel Hyperion (10/7); Comino Hotel (13/8; Cottonera Holiday Complex (4/9); Mistra Village (6/9); Galaxy Resorts (15/12).

* Bejn it-Taqsima tal-Metall (GWU) u l-managements ta' Abeco (16/2;) Michael Attard (2/3); Domestic Electrical Appliances - DEAL (6/4); Appliances General - AGL (6/4); MCL Components (24/5); Seaspeed (25/5); Coflex (23/7); International Automobiles (10/8); C.B. Motors (10/8); Rodenstock (12/10); Gasan Properties (21/12); Barberis Med-Yard (24/12).

* Bejn it-Taqsima Kimika u Haddiema Generali (GWU) u l-managements ta' Mobile Homes (18/1); PVC Plastics (22/2); Hempel's Marine Paints (23/3); Austria Tabak (12/4); Edible Oil Refining Co. u kumpaniji assocjati (30/4); Thomas de la Rue (10/5); Brand International (17/11); Hob Electronics (17/11); Karta Converters (23/12); Portanier Brothers (27/12).

* Bejn it-Taqsima Tessuti, Hwejjeg u Gild (GWU) u l-managements ta' Peter Blond International (12/4); Top (29/5); Heidemann (1/6); J. Fiorentino (10/12); Hans Hoffmann (15/12).

* Bejn L-STPSA (GWU) u l-managements tal-Bank of Valletta (11/4) u Radju Mediterran (28/6)

* Bejn il-Unjon Haddiema Maghqudin u l-managements ta' l-Allied Newspapers (6/1); Mizzi (9/5) u Menrad (30/10)


Fly Away Tours
Fly in style
on
AIRMALTA



# DEVELOPMENTS ELSEWHERE

A general sample of contemporary trends and issues emerging abroad in the field of industrial democracy and labour relations

## TRADE UNIONISM IN EUROPE

- What follows are the principal findings on trade unionism from a major cross-national survey carried out in Europe in 1981, designed by the European Values Systems Study Group in ten Western European Countries: Belgium, Denmark, France, Great Britain, Holland, the Republic of Ireland, Italy, Northern Ireland, Spain and West Germany.

- From the working sample of western european nations, 38.5% of respondents said that they belonged to a trade union. Membership levels vary across nations from a high of 95% of those working (in Denmark) to a low of 25% in France and 18% in Spain.

- Only a tiny minority, slightly more than the 5% of union members, however, reported being active in some form of voluntary work for a union. The highest proportion on a national level is reported by France (12.5% of all union members are activists) and by Italy (11%). The strong links between trade unions and the communist parties in these two countries probably account for these high rates of activism.

- In the total european sample, trade union membership is highest among skilled manual workers (45% of these are unionized), the semi and unskilled (36%) and followed by non-manual workers (31%). It is lowest among those in professional and managerial jobs (24%) although, the proportion of activists among the latter is higher than the rest of the occupational groupings. Far more men than women are trade union members, reflecting their relative presence in the workforce: 56% of all men are full-time employees, compared to 21% of all women.

Reference: Harding, S. & Phillips, D. (1986) Contrasting Values in Western Europe, London, Macmillan.

## PROFIT SHARING & FLEXIBLE WAGE RATES

Martin Weitzman, Professor of Economics at the Massachusetts Institute of Technology, has claimed that the root cause of massive structural unemployment in Western Europe is the wage system, whereby employees are paid a fixed sum every month, regardless of how well or badly their company does. If unemployment is to be eradicated, he says, profit sharing will have to become the norm. At least part of each worker's salary will have to be tied to company performance.

Weitzman believes that the widespread adoption of such a scheme would result in large-scale job creation. Under the current wage system, an employer experiencing a downturn in business immediately turns his mind to laying workers off. If wages were more flexible, employees would earn their basic wage until things picked up. Employers would be less quick to announce redundancies. They would also be more willing to take new workers on if they knew they would not be stuck with unmanageable wage bills in a future downturn.

International Management Vol.41 No.9, Sept. 1986

## WORKERS' PARTICIPATION AT SHOP FLOOR LEVEL IN ITALY

The general right of the trade unions to be informed about and, in some instances, to examine jointly with management major issues concerning enterprise investment, innovations and employment policies was laid down in Italy in the 1976 national agreement. For ten years this has constituted the main explicit avenue to workers' participation at the enterprise level.

The right of information is seen as a means of promoting more rational, responsible and co-operative bargaining on matters traditionally regarded as managerial prerogatives (manpower planning, work organisation, job security, industrial restructuring). At the same time this provision has not altered the underlying precepts of the bargaining process or led to a blurring of the respective roles of unions and management, which both parties wish to avoid.

In practice, however, the right to information has been implemented in an uneven and not altogether satisfactory manner. Only in a few (mostly large) firms has it been put fully into effect by management and fully used by trade union representatives to promote more responsible and co-operative bargaining and to increase the workers' participation in significant areas of enterprise management. In many other cases it has exerted only an indirect influence on the collective bargaining process (and on personnel management), resulting at best in a more informed and constructive attitude on the part of the unions to the economic position and needs of the enterprise.

On the whole workers' participation at the enterprise level has made little headway and remains more controversial than has labour-management consultation at the national level. This discrepancy may reflect a perceived priority for joint national efforts to cope with macro-economic problems. It may also be an indirect consequence of the traditional centralisation of Italian industrial relations.

Treu & Negrelli, International Labour Review,
Vol. 126 No.1, 1987

## - WAKE UP AMERICA?

Employee-owned enterprises are creating more jobs and are more profitable than firms that are not employee-owned, according to studies by the National Center for Employee Ownership. Weirton Steel was scheduled to go out of business until its 9,000 employees bought it. Within two years, it was America's most profitable steel company. Lowes Companies, employee-owned retail hardware and lumber stores across the South, have three times the sales per employee of Penney's and Sears.

Employee involvement efforts through joint union-management quality of work life efforts, quality circles, self-managing teams, gainsharing and improvement planning have raised wages, bettered working conditions and contributed to job security. Xerox, after losing 70 per cent of the copier market to the Japanese, has begun to win back market shares. The union and management give employee involvement much of the credit for more innovation and better quality. Douglas Fraser, while President of the United Auto Workers and a member of Chrysler's Board of Directors, was able to prevent from closing nine of 11 plants by getting managers and workers in those plants to develop jointly an improvement plan.

Wake up, America! We have some of the solutions to the erosion of our way of life. What is our strategy for getting them implemented in the 95 per cent of private firms and public agencies that do not yet have them?

John Simmons <u>Workplace Democracy</u>
No.56 Spring 1987

Perspective

*Newsletter tac- Centru ghall-Izvilupp tal-Partecipazzjoni tal-Haddiema - WPDC - Universita ta' Malta*

*Tel: 336451 Ext. 298 / 340251*

| | |
|---|---|
| Editur Generali | : Edward L. Zammit |
| Editur ta' din il-Harga | : Godfrey Baldacchino |
| Reklamar | : Emanuel Debono |
| Photo-type Setting | : Edith Rizzo |
| Grafika u Disinn | : Paul Agius |

*Stampat fil-Malta University Press - Mejju 1987*

Ghanijiet tal- WPDC: Li jghin fl-izvilupp tal-partecipazzjoni tal-haddiem fix-xoghol u fis-socjeta', permezz ta' servizz ta' taghlim, ricerka u konsultazzjoni.

Printed at the Malta University Press
1987

# RIGALI B'XEJN

## minghand tal-

CANADA DRY

## RIGALI ĠODDA B'XEJN

| RIGALI | TAPPIJIET |
|---|---|
| Preserving jar (1/2litre) | 50 |
| Preserving jar (3/4litre) | 60 |
| Preserving jar (1 litre) | 70 |
| Mug | 70 |
| Lever cork screw | 75 |
| Hamburger press | 95 |
| 4 egg cups | 100 |
| Pyrex steak plate | 140 |
| Milk jug with lid | 150 |
| Six glass holders | 150 |
| Ironing board cover | 170 |
| Hand towel | 180 |
| Storage jar (small) | 180 |
| Kitchen set holder | 190 |
| Hi-Spot T-shirt | 200 |
| Pyrex oven dish (1.5 litres) | 200 |
| Door mat | 220 |
| Pyrex coffee pot | 240 |
| Pyrex oven dish (2.5 litres) | 240 |
| Stainless steel butter dish with lid | 240 |
| Storage jar (medium) | 245 |
| Beach towel | 250 |
| Bath towel | 250 |
| Butter dish with lid (plastic) | 260 |
| Glass decanter | 275 |
| Onion/vegetable chopper | 280 |
| Evergreen set | 290 |
| 6 glasses holder | 300 |
| Souffle dish | 300 |
| Storage jar (large) | 320 |

| RIGALI | TAPPIJIET |
|---|---|
| Non-stick frying pan | 330 |
| Pyrex casserole (1.5 litres) | 330 |
| Canada Dry travelling bag | 340 |
| Stewpan with 2 handles (18cm) | 380 |
| Condiment set | 390 |
| Pyrex casserole (2 litres) | 400 |
| Vacuum flask (1 litre) | 400 |
| Single bed blanket | 400 |
| Black electronic lighter | 410 |
| Bathroom pedal bin | 420 |
| Pyrex casserole (2.5 litres) | 450 |
| Stewpot with 2 handles (18cm) | 450 |
| Kitchen pedal bin | 460 |
| Aluminium chip pan | 465 |
| Plastic food cover with tray | 470 |
| Stewpan with 2 handles (22cm) | 475 |
| Plate drainer | 480 |
| Football | 500 |
| Wall can opener | 500 |
| Set of 6 cups and saucers | 510 |
| Plastic garbage bin | 515 |
| Wooden bread bin | 520 |
| Mahogany oval picture frame (small) | 520 |
| Non stick kitchen tool set | 560 |
| Coffee set (12 pieces) | 585 |
| Stewpot with 2 handles (22cm) | 590 |
| Doll | 600 |
| Food flask (1 litre) | 620 |
| Borma forn | 650 |
| Jelly set (7 pieces) | 670 |
| Mahogany oval picture frame (medium) | 680 |
| Face cloth, hand and bath towel set | 690 |
| Coffee mill | 700 |
| Bathroom scales | 700 |
| Radio | 720 |
| White cutlery set with stand (24 pieces) | 790 |
| Single bedspread | 800 |
| Lace table cloth | 850 |
| Mahogany oval picture frame (large) | 880 |
| Pasta machine | 900 |
| Kitchen scales | 900 |
| Indoor clothes airer | 930 |

| RIGALI | TAPPIJIET |
|---|---|
| 2 single bed cotton sheets with 2 pillowcases | 940 |
| 2 single bed flanelette sheets with 2 pillowcases | 940 |
| Glass wine set | 950 |
| Hair dryer | 960 |
| Double bed blanket | 990 |
| Hi-Spot clock | 1000 |
| Beach umbrella | 1000 |
| Double bedspread | 1100 |
| Tea Set (18 pieces) | 1120 |
| Electric heater | 1130 |
| 2 double bed cotton sheets with 2 pillowcases | 1150 |
| Iron | 1200 |
| Carpet sweeper | 1200 |
| 2 double bed flanelette sheets with 2 pillowcases | 1250 |
| Picnic cooler | 1360 |
| Electronic gas lamp | 1400 |
| Citrus fruit presser | 1550 |
| Toaster | 1600 |
| Dinner Set (30 pieces) | 1800 |
| Hand mixer | 2000 |
| Electric blanket (60"x48") | 2050 |
| Liquidiser | 2100 |
| Glass set (36 pieces) | 2150 |
| Canteen set (25 pieces) | 2200 |
| Single bed quilt | 2250 |
| Shopping trolley | 2300 |
| Bathroom radiator heater | 2400 |
| Sandwich toaster | 2500 |
| Electric kettle | 2800 |
| Double bed quilt | 2900 |
| Fan on stand | 3800 |
| Radiator heater | 4000 |
| Vacuum cleaner | 8000 |
| Mini washing machine | 9000 |
| Portable radio cassette | 12000 |
| Small refrigerator | 13000 |
| Small freezer | 15000 |
| Tumble dryer | 16000 |

IBDLU T-TAPPIJIET IL-VJOLA GĦAND TAL-CANADA DRY B'KARA JEW GĦAND L-AĠENT F'GĦAWDEX

# Go Hoovermatic




## The faster the wash, the better

How would you like to do your family wash in just 40 minutes?

Now with the Hoovermatic de luxe you can.

Because, while you stay completely in control of the washing, the Hoovermatic de luxe will get on with the job. Very fast.

In fact, because of our powerful heater, you can complete the washing in about 40 minutes – including boiling, if your wish.

While the unique "Active Water" action swirls through one load of washing in the stainless steel tub, another load is already being automatically deep-rinsed and spun dry.

Which means that hot or cool, large wash or small, dirty or delicate – you've got the complete, unique power to wash as you wish.

And you can save electricity, hot water, soap powder and time. It also goes without saying you'll get perfect results every time from Hoover.

So, if it's speed and efficiency you want (and who doesn't), see the latest Hoovermatic de luxe today.




**Insist on HOOVER** ®

**2 MODELS AVAILABLE FROM STOCK**

**DELTA HOMECENTRES**

**FROM ALL DELTA HOMECENTRES IN B'KARA, COSPICUA, GZIRA, HAMRUN, PAOLA, SLIEMA, VALLETTA AND AUTHORISED DEALERS IN MALTA & GOZO**